**IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Deċiżjoni Numru 2462

Każ Numru 3006/KBC

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol bejn:

Rowena Rotor (Passport No PS0046900)

u

Pari Yachting Limited (C33263)

U

Dr Alexander (aka Tandy) Nill

U

Mrs Francesca Nill (neè Guise)

dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona

Illum il-Ġimgħa, 17 ta' Frar, 2017

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors promotur li permezz tiegħu r-rikorrenti allegat li l-impieg tagħha kien ġie terminat inġustament.

Ra d-dikjarazzjoni tal-każ tar-rikorrenti.

Ra n-nomina ta' Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-intimati fil-proċeduri.

Ikkunsidra l-kummenti tal-Kuratur appuntat mit-Tribunal biex jidher ghall-intimati.

Ra l-affidavits ippreżentati mir-rikorrenti, sema x-xhieda mressqa *viva voce* u ra d-dokumenti preżentati mill-partijiet.

Innota d-dikjarazzjoni tal-Kuratur Deputat magħmula fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2016.

Ra li fis-seduta tal-21 t'Ottubru, 2016, il-partijiet għamlu t-trattazzjoni finali u l-każ tħalla għad-deċiżjoni;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra mill-provi prodotti illi:

- r-rikorrenti kienet ġiet impjegata fuq kuntratt indefinit bħala *housekeeper* wara illi hija ġiet introdotta ma' Dr Alexander Nill u l-mara tiegħu Francesca tramite l-London Marshal Harbour Agency.
- l-kuntratt ta' impieg ġie ffirmat fit-28 t'Awwissu, 2011, mas-soċjetà Pari Yachting Limited (C 33263).
- f'Dicembru 2011 ir-rikorrenti kienet ġiet infurmata minn Francesca Nill li l-familja kienu se jmorru l-Brażil u li ma kienx hemm il-ħtiega illi r-rikorrenti takkompanjahom u li għalhekk ir-rikorrenti għamlet arranġamenti biex tmur iżżur il-familja tagħha għall-Milied u li xtrat biljett ta' l-ajru minn Zurich għal Dublin, bit-tluq fit-23 ta' Diċembru, 2011, u r-ritorn għal Zurich fl-10 ta' Jannar, 2012, u ċioè ftit jiem qabel kellha tirritorna Zurich il-familja Nill.
- fis-26 ta' Dicembru, 2011, ir-rikorrenti kienet ġiet infurmata minn Francesca Nill illi ma kelliex tirritorna għax-xogħol mall-familja f'Zurich.

**Ikkunsidra:-**

Illi mill-provi mressqa jirriżulta ċar illi kien hemm kuntratt ta' mpjieg bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà Pari Yachting Limited filwaqt illi fil-konfront taż-żewġ intimati l-oħra ma nġiebet ebda prova jew indikazzjoni illi dawn, jew xi ħadd minnhom, kienu jew kien il-prinċipal tar-rikorrenti għajr illi dawn setaw ibbenefikaw minn xi servizzi tar-rikorrenti waqt illi din kienet impjegata mas-soċjetà Pari Yachting Limited.

Illi l-allegata riżenja tar-rikorrenti mhix waħda illi t-Tribunal ser jikkunsidra b'mod leġġer u in difett ta' prova ċara u inekwivoka illi l-impjegata kellha l-intenzjoni li

tirriżenja jew li esprimiet ir-riżenja tagħha b'mod ċar, din it-teżi ser tiġi skartata bħala waħda infondata.

It-Tribunal għalhekk jikkonkludi illi l-intimati Francesca Nill u Alexander (aka Tandy) Nill mhumiex leġittimi kontraditturi filwaqt illi fil-konfront tas-soċjetà Pari Yachting Limited tiddikjara illi din, bħala prinċipal tar-rikorrenti, naqset li tipprova li kien hemm raġuni tajba u biżżejjed għat-temm tal-impjieg tar-rikorrenti u, wara li qies iċ-ċirkostanzi tat-tmiem ta' l-impjieg u wkoll iċ-ċirkostanzi soġġettivi ta' l-impjegat sejjer jillikwida kumpens favur ir-rikorrenti.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi fl-ewwel lok jiddikjara li t-tkeċċija tar-rikorrenti mill-impjieg tagħha mas-soċjetà ntimata Pari Yachting Limited ma kienitx għal raġuni tajba u biżżejjed fil-liġi u, għalhekk, a tenur tal-Artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jiffissa kumpens fl-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) u jikkundanna lis-soċjetà ntimata tħallas tali kumpens lir-rikorrenti.**

Għall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' tlieta u disgħin euro u sbatax -il ċentezmu (€93.17).

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 t-Tribunal jiddikjara li minħabba n-numru tas-seduti u differimenti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

(Iffirmat)
Dr Katrina Borg Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**